MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1775/2004

**Alfred Bezzina (I.D. 15256M) u martu
Alexandra Bezzina (I.D. 214962M)**

**Vs**

**Silvio Balzan**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm441.08c (erba' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tmien centezmi) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku kif spjegat fl-Avviz.

Ra li l-konvenut ipprezenta Risposta fejn qal li l-incident gara tort ta' l-attrici.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebti.
L-attrici qalet li kienet ghaddejja f'Triq Spanjulett u kien hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat. L-attrici qalet li

l-konvenut hareg minn *side street* fuq il-lemin taghha. Wara l-incident ghaddew xi karozzi mix-xellug tal-vettura taghha. Hi tghid li kienet f'nofs it-triq ghaliex kien hemm karozzi pparkjati.

Il-konvenut xehed hekk *"jiena dakinhar ta' l-incident kont hiereg mit-triq. Bdejt inhares 'l isfel biex nara l-karozzi tielghin. Kif harist 'il fuq skiddjat ghal go fija"*. Minfejn kienet gejja l-attrici kien hemm tul ta' ghaxra jew hdax-il karozza qabel hemm liwja.

Fir-rapport tal-Warden gie ddikjarat li wara l-incident il-konvenut qal:

"Kont hiereg minn Triq Buqrajq ghal Triq Spanjulett smajt il-brake u karozza EBC 608 dahlet go fija."

L-attrici qalet:

"Kont niezla rajt lil DAK 715 hiereg minn Triq Buqrajq, ibbrejkjajt izda l-karozza ma waqfitx mill-ewwel."

Illi jirrizulta li l-attrici halliet *12.8 metre brake marks*. Ma kienx hemm *stop sign* minfejn hareg il-konvenut.

Fejn gara l-incident huwa T-junction. Illi ghalhekk l-attrici kellha d-dritta u l-konvenut kellu l-obbligu li qabel ma johrog jara x'hemm. Mix-xhieda tal-konvenut, mill-verzjoni li ta wara l-incident u mill-iskizz jirrizulta li l-konvenut hareg minghajr ma ra jekk kienx hemm traffiku fuq ix-xellug tieghu. Huwa veru li l-attrici setghet kienet iktar lejn ix-xellug u halliet *brake marks* ta' *12.8 metres* izda l-incident gara ghaliex il-konvenut hareg minghajr *a proper lookout*. Fil-kawza **Fogg Vs Vella (Appell 19/11/2001)** gie ddikjarat:

"Hi zbaljata l-affermazzjoni ta' l-appellant li l-fatt biss li s-sewwieq qieghed isuq fuq in-naha hazina tat-triq, kien prova konkluziva tal-htija tieghu ghas-sinistru. Il-principju ormai stabbilit fil-gurisprudenza hu propju l-kontra. L-utent tat-triq seta' jutilizza t-triq kollu sakemm dan ma kienx jikkostitwixxi perikolu ghall-utenti l-ohra ta' dik it-triq,

u dana sakemm dak is-sewqan ikun prudenti, mehtieg u suggerit fic-cirkostanzi.”

F’dan il-kaz, il-kawza prossima ta’ l-incident kien il-fatt li l-konvenut saq meta wasal fl-inkrocju minghajr ma hares fuq ix-xellug tieghu.

Id-danni ma gewx ikkontestati.

Ghalhekk jichad ir-Risposta tal-konvenut, jilqa’ t-talba ta’ l-atturi u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas Lm441.08c (erba’ mija u wiehed u erbghin lira Maltin u tmien centezmi) lill-atturi bl-imghax mill-1 t’Ottubru, 2004 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------